

Brussell, 17 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0297(NLE)

13105/1/18
REV 1

CCG 35
NT 16

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp dwar Krediti għall-Esportazzjoni
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	11446/18 - COM(2018) 565 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Laqgħa tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati - Adozzjoni

1. Fit-2 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill. Din il-proposta hija bbażata fuq l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) bħala l-bażi legali sostantiva u fuq l-Artikolu 218(9) TFUE bħala l-bażi legali proċedurali.
2. Il-proposta għandha l-għan li tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Laqgħa tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati; pożizzjoni li ser ikollha l-għan li tiġi adottata deċiżjoni dwar it-talba mit-Turkija li ssir Parteċipant fl-Arranġament dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati ("l-Arranġament") tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi ("OECD").

3. Fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2018, il-Grupp dwar Krediti għall-Esportazzjoni approva d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Laqgħa tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati (dok. 11899/18). Ċipru u l-Greċja indikaw li huma beħsiebhom jivvutaw kontra.
 4. Huwa b'hekk issuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill biex, bħala punt "A" flaqgħa li jmiss,
 - jadotta d-Deċiżjoni ta' hawn fuq, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 11957/18.
 - jgħarraf lill-Parlament Ewropew bid-Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218 (10) TFUE.
-